MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 13/1999/1

**Giuseppa Vella**

**vs**

**Carmelo Gauci, Grace sive Grazia Vella, u Paolo Zahra.**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi l-esponenti jqabbel lill-intimati r-raba’ ossia ghalqa tal-kejl ta’ tomna u nofs ekwivalenti ghal 1685.47metri kwadri maghrufa Ta’ Grazjan, id-Dwejra limiti tar-Rabat Malta versu l-qbiela ta’ lira Maltija (Lm1.00) fis-sena li jhallas

b'lura kulla hmistax t'Awissu kull sena, l-ewwel skadenza hija fil-15 ta'Awissu 1999.

Illi l-esponenti ghandha bzonn l-imsemmija ghalqa biex tigi wzata ghal skopijiet agrikoli minnu u minn ibnu personalment.

Ghaldaqstant prevja l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimati, jekk huna ghandhom dritt ghalih skond il-ligi, l-esponent jitlob umilment lil dan il-Bord joghgbu jawtorrizah l-pussess tar-raba fuq imsemmija ghal ragunijiet premessi.

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

Illi r-raba' in kwistjoni ilha tinhadem minnhom u mill-antenati taghhom ghal sittin sena cirka.

Illi huma gabillotti u x-xoghol taghhom huwa dak tar-raba u huma qeghdin juzaw l-ghalqa in kwistjoni ghall-skopijiet purament agrikoli.

Illi r-raba inkwistjoni tifforma parti integrali mill-ghixien taghhom.

Illi l-bzonn taghhom mill-istess raba' huwa ferm akbar minn dak tar-rikorrenti fuq imsemmi.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu;

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra illi minn dak li ingieb a konjizzjoni ta' dan il-Bord, jirrizulta illi z-zewg partijiet ghandhom ghelieqi bi qbiela f'isimhom bid-differenza illi filwaqt illi r-rikorrent ghadu jahdem l-art flimkien ma' ibnu bhala l-uniku xoghol taghhom, l-intimat Carmelo Gauci ma jistghax jaghmel xoghol manwali minhabba korrimenti fizici u ghalhekk

huwa qed jghix fuq beneficcji socjali. Iben l-intimat ukoll qieghed fir-raba izda dan huwa impjegat ma’ terzi u ghalhekk ix-xoghol li jaghmel ma missieru huwa purament “part-time” ghaliex dan gia ghandu l-introjtu fiss tieghu. Ghalhekk l-intimat ma ppruvax illi dan ir-raba huwa l-uniku mezz ta’ ghixien tieghu;

Ikkonsidra ghalhekk illi l-intimati qed jistennew li jzommu dan ir-raba li tieghu ihallsu s-somma ta’ Euro 2.33 (Lm1.00) u b’hekk jipprivaw lir-rikorrent milli jaghmel uzu minn hwejjgu;

Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u ghal din ir-raguni jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tar-raba kif deskritt fir-rikors promutur u dan fi zmien gimgha mill-15 t’Awissu 2008 f’liema data l-intimati ghandhom jizgombraw mill-istess;

Stante illi l-periti membri ikkonstataw illi ma hemm l-ebda benefikati fir-raba de quo, dan il-Bord m’hu qed jillikwida ebda kumpens favur l-intimat;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------